# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI PRELIMINARI NRU. 2140

Każ Nru 2953/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Mario Sammut

u

Joseph Camilleri 209050M

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 4 ta' April 2012

**Chairman: Franco Masini**

Ir-Risposta għar-Rikors promotur preżentata mill-Avv Edward Gatt f'isem l-Intimat Joseph Camilleri tallega *inter alia* li l-azzjoni quddiem dan it-Tribunal mir-Rikorrent Mario Sammut kienet *fuori termine.* L-Avv Robert Gauci Maistre f'isem ir-Rikorrent ċaħad dan.

L-Avukati f'isem iż-żewġ partijiet ittrattaw dwar jekk ir-Rikors promotur kienx magħmul fiż-żmien preskritt fil-Kap 452 o meno.

It-Tribunal ħa nota ta' affidavit ta' Christian Borg uffiċjal tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ li kien jikkonsisti fl-*employment history* tar-Rikorrent u l-Intimat.

L-Artikolu 75(3) tal-Kap 452 jesiġi li riferta lit-Tribunal għandha tiġi preżentata "mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat". Jirriżulta illi l-impieg tar-Rikorrent kien terminat fit-30 ta' April 2011 waqt li r-Rikors promotur ġie preżentat fit-30 ta' Awwissu 2011. Skond il-prinċipju ta' *dies a quo*[i] il-perijodu jibda jiddekorri mill-għada tat-30 ta' April 2011 u għalhekk il-perijodu ta' erba' xhur ma kienx skada fit-30 ta' Awwissu 2011 iżda kien jiskadi preċiżament l-għada, voldieri fil-31 ta' Awwissu 2011.

Għaldaqstant it-Tribunal Industrijali ma jilqax l-eċċezzjoni tal-Intimat u jiddikjara li r-Rikors promotur kien ġie sottomess *entro termine*. Jordna l-prosegwiment tal-Każ billi l-Intimat jibda bil-provi.

Iffirmat : Franco Masini
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-SEGRETARJU

---

[i] *Dies a quo non computatur in termine, dies ad quem computatur*